QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT DR. SIMONE GRECH

Seduta Collisions

Il-Pulizija

vs

Ryan Debattista

Illum, 11 ta' Novembru, 2021

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Ryan Debattista, detentur tal-karta tal-identita numru 73791M, fejn gie akkuzat talli fis-6 ta' Marzu 2013, ghal habta tat-9.30hrs gewwa Triq Sant' Anna, Floriana,

(1) Saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni M695KDU minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorità ghat-Trasport f' Malta;
(2) Saq l-istess vettura minghajr ma kien kopert b'polza ta' sigurtà dwar ir-riskji tat-terzi persuni;
(3) U b' uqqas ta' hsieb u bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku, habat ma' vettura numru LCO 817, u involontarjament, ikkaguna hsara ghad-dannu ta' Anthony Meilak.

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex l-imputat jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perijodu ta' zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti;

Semghet trattazzjoni finali;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Gie pprezentat affidavit ta' PS 728 B Borg, li spjega li fis-6 ta' Marzu 2013, gew infurmati ghal habta ta' 9:30am, li sehh incident tat-traffiku fi Triq Sant' Anna, Floriana, bejn vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCO 817, tal-ghamla BMW, misjuqa minn Anthony Meilak, u karozza tat-tip Mercedes, bin-numru ta' registrazzjoni barrani, M695KDU, misjuqa mill-imputat. Spjega li sid il-Mercedes kien telaq minn fuq il-post, peress li ma kienx intlahaq ftehim mas-sewwieq l-iehor. Spjega li z-zewg xufiera gew l-Ghassa tal-Belt, u Ryan Debattista ammetta li ma ghandux licenzja tas-sewqan, u li l-vettura kien xtraha minghand Clint Zammit. Sostna li Debattista kien qal li ser jaghmel tajjeb ghall-hsarat li kkaguna.

Gie pprezentat ukoll affidavit ta' PS 1139 K.M. Cassar, li spjega li huwa mar fuq is-sit tal-incident, fejn ix-xufier tal-BMW kien qallu li habat ma' Mercedes ta' kulur abjad, u li kienet baqghet tinstaq fid-direzzjoni tal-Hamrun. Spjega li huwa saq f'dik id-direzzjoni u waqqaf lix-xufier tal-Mercedes, li kien Ryan Debattista, u li kkonferma li kien hu li kien involut f'dan l-incident. Spjega li huwa kien telaq minn fuq il-post ghax ma kienx intlahaq ftehim mas-sewwieq l-iehor. Spjega li l-vettura Mercedes hija rregistrata fir-Renju Unit, u ghandha polza tal-assigurazzjoni valida fuq certu J Vella.

Stephen Cachia in rappreżentanza tal-Awtorità tat-Trasport ipprezenta affidavit, fejn ikkonferma li Ryan Debattista ma ghandu l-ebda kategorija ta' licenzja tas-sewqan.

Xehdet ukoll Anna Portelli, rapprezentanta tas-socjetà assigurattiva Argus Insurance, li sostniet li hija ma sabet l-ebda informazzjoni.

Xehed Anthony Meilak li spjega li huwa kien qed isuq BMW hamra, li kienet ilha proprjetà tieghu jumejn qabel ma' gara l-incident in kwistjoni. Spjega li kienet *second hand*, u damet irregistrata ghandu sa 2019. Huwa kien hiereg mill-*main road* tal-Furjana, jigifieri kien hiereg 'il barra mill-Belt, meta kien hemm daqqa fuq il-genb tieghu tan-naha tas-sewwieq. Huwa kien qed isuq fuq il-*fast lane,* u ghalhekk kull ma kien hemm hdejh fuq in-naha tas-sewwieq kienu sigar, li jisseparaw it-triq. Spjega li sema' tisbita u jara karozza bajda Mercedes b'numru ta' registrazzjoni ta' barra, qieghda mal-genb tieghu. Ma kellhiex fejn tmur din il-vettura. Spjega li hu ma rahx gej, izda sabu magenbu. Spjega li l-vettura tieghu garrbet hsarat mal-genb kollu. Spjega li huwa ma thallasx, izda mbaghad wara ftit zmien, kien hemm persuna li baqa' hiereg minn fuq *stop sign*, u laqtu l-istess naha, u mbaghad is-socjetà assigurattiva rrangat il-hsara kollha. Spjega li huwa ma ghandux interess f'din il-kawza. Spjega li huwa gharaf lix-xufier tal-Mercedes, li huwa l-imputat.

In kontroezami, huwa kkonferma li l-vettura tat-tip Mercedes telghet fuq ic-*centre strip* biex tipprova tghaddi. Il-vettura Mercedes spiccat bejn is-sigar tal-palm. Kompla jghid li huwa ma ntlaqatx fuq wara tal-vettura tieghu, izda mal-genb kollu, u dan jindika li huwa kien già fil-*fast lane,* u ma kien qed johloq l-ebda *obstruction*.

Ikkunsidrat:

Dwar l-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti tqis li din tirrizulta stante li mill-affidavit tar-rapprezentant tat-Transport Malta, jirrizulta li l-imputat ma kellux licenzja tas-sewqan.

Dwar it-tieni imputazzjoni, il-Qorti tqis li fi-mori ta' din il-kawza, giet ipprezentata l-ewwel refereta (fol 8) li minnha jirrizulta li l-imputat gie nnotifika bl-ewwel seduta ffissata fit-13 ta' Gunju 2013.

Il-Qorti rat l-Artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, li jaqra:

(1)Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.

(1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4).

(1B) Tista' tingħata eċċezzjoni valida, fil-prosekuzzjoni ta' reat taħt is-subartikolu (1), mill-akkużat jekk iġib prova li r-reat ikun sar mingħajr ma huwa kien jaf bih u li jkun eżerċita kull diliġenza dovuta biex ma jħallix li r-reat isir.

(2) Kull min jikser id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jeħel, meta jinsab ħati –

(a) fil-każ tal-ewwel reat, multa ta' mhux anqas elfejn,tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda ta' mhux iżjed minn erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew il-multa u l-priġunerija flimkien;

(b) fil-każ tat-tieni reat, multa ta' mhux anqas minn erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa usebgħin ċenteżmu (€4,658.75) iżda ta' mhux iżjed minn ħamest elef, tmien mija u tlieta u għoxrin euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€5,823.43) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur, jew il-multa u l-priġunerija flimkien;

(ċ) fil-każ tat-tielet reat jew iktar, multa ta' mhux anqasminn ħamest elef, tmien mija u tlieta u għoxrin euro utlieta u erbgħin ċenteżmu (€5,823.43) iżda ta' mhux iżjed minn sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin eurou tnax-il ċenteżmu (€6,988.12) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sena, jew il-multa u l-priġunerija flimkien, u –

(i) meta r-reat ikun jikkonsisti fl-użu ta' vettura bil-mutur fi triq minn min ikun sid il-vettura bil-mutur jew minn impjegat ta', jew minn membru tal-familja ta' u li jkun jgħix ma', sid il-vettura bil-mutur, u ma jkunx hemm fis-seħħ polza tal-assigurazzjoni dwar din il-vettura skont magħandha tkun taqbel mal-ħtiġijiet ta' din l-Ordinanza, il-qorti għandha, b'żieda mal-pieni indikati f'dan is-sub-paragrafu, tordna l-konfiska tal-vettura bil-mutur;

(ii) meta r-reat, kif imsemmi, jitwettaq minn xiħaddieħor, il-qorti għandha, b'żieda mal-pieni indikati f'dan is-sub-paragrafu, twaħħal multa oħra li tkun daqs il-valur tal-vettura bil-mutur.

(2A) Kull min jinstab ħati ta' reat taħt dan l-artikolu għandu (ħlief jekk il-qorti għal raġunijiet speċjali tikkunsidra li tordna mod ieħor u mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-qorti li tordna żmien itwal ta' skwalifika) jiġi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' tnax-il xahar mid-data li jkun ġie misjub ħati:

Iżda jekk l-esekuzzjoni tas-sentenza li biha wieħed jinstab ħati titwaqqaf wara li min ikun instab ħati jiddikjara li bi ħsiebu jappella minn dik is-sentenza, iż-żmien ta' skwalifika jibda għaddej -

(a) jekk din tiġi konfermata jew imnaqqsa b'deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali, mid-data ta' din id-deċiżjoni;

(b) jekk ma jiġix preżentat rikors ta' appell fiż-żmien li trid il-liġi, mill-ewwel jum wara l-ġurnata li fiha jkun skada t-terminu;

(ċ) jekk l-appell jiġi ċedut permezz ta' nota, mill-jum meta tiġi preżentata din in-nota fil-qorti jew, jekk l-appell jiġi mod ieħor deżert wara l-preżentata tar-rikors tal-appell, minn dak il-jum minn meta l-Qorti tal-Appell Kriminali tiddeċiedi wara li jsir rikors mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta.

(2B) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali u tal-Att dwar il-Probation, ma japplikawx fil-każ ta' xi reat kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

(3) Għad illi f'liġijiet oħra jista' jkun hemm żmien stabbilit li fih għandhom isiru proċeduri quddiem qorti, il-proċediment għal reat taħt dan l-artikolu jista' jsir –

(a) fi żmien sitt xhur mid-data li fiha jkun sar ir-reat allegat; jew

(b) fi żmien li ma jiskorrix la tliet xhur mid-data li fiha l-prosekuzzjoni tkun ġiet taf li sar ir-reat u lanqas sena mid-data li fiha jkun sar ir-reat, skont liema żmien minnhom ikun l-itwal.

(4) Dan l-artikolu ma jgħoddx –

(a) għal vetturi bil-mutur ta' proprjetà tal-Gvern ta' Malta meta dawn il-vetturi jiġu biss użati u impjegati fis-servizz tal-Gvern ta' Malta;

(b) għal xi klassi determinata ta' vetturi bil-mutur li għaliha, jew għal xi persuni naturali jew legali, sewpubbliċi jew privati, li lilhom il-Ministru

responsabbli għat-trasport jordna b'regolament li dan l-artikolum'għandux igħodd:Iżda kull telf jew feriment kaġunat f'Malta jew fit-territorjuta' Stat imsemmi minn vettura bil-mutur li tkun tappartjeni lilpersuna naturali jew legali, sew pubbblika sew privata, li dwarhomtkun provduta deroga taħt din l-Ordinanza mill-applikazzjoni tas-subartikolu (1), għandu jiġi kkumpensat skont kriterji u proċeduri li jiġu stabbiliti b'regolamenti mill-Ministru responsabbli għat-trasport maħruġin taħt dan l-artikolu.

Dwar il-prova rikjesta in relazzjoni ma' din l-imputazzjoni, referenza ghandha ssir ghal dak li ntqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fit-30 ta' Ottubru 2008, fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Conrad Galea, fejn intqal:

"Illi mbaghad l-artikolu 3 (1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li :-

"Hadd ma jista' juza ...... vettura tal-mutur fit-toroq kemm il-darba ghall-uzu tal-vettura minnu ...... ma tkunx tezisti polza ta' sikurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni...."

Illi t-test tal-ligi Ingliza li tkopri dil-materja w cioe' Sec. 143 (1) (a) tar-Road Traffic Act huwa kwazi identiku ghall-dan l-artikolu w jghid testwalment :-

"a person must not use a motor vehicle on the road unless there is in force in relation to the use of the vehicle by that person such a policy of insurance or such a security in respect of third party risks as complies with the requirements of this Part of this Act..."

"Illi l-pozizzjoni fil-ligi w l-Qrati Inglizi hi hekk ukoll. Di fatti kif jghid l-ARCHBOLD [Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1998, London, Sweet & Maxwell, p.2417] flosservazzjonijiet tieghu fuq dar-reat analogu tal-ligi Ingliza:-

"The Prosecution has to prove that the defendant used a vehicle on the road. Once that is established, it is for defendant to prove that there was a valid policy of insurance in force at the time: Philcox vs. Carberry {1960} Crim. L.R. 563 , D.C."

"Illi saret f' dik is-sentenza riferenza ukoll ghall Criminal Law Review , 1960 li b' riferenza ghal din is-sentenza fuq citata , kkumenta hekk :-

"It is an established rule of evidence that where the truth of the party's allegation lies peculiarly within the knowledge of his opponent, the burden

of disproving it lies upon the latter." {Halsbury's Laws of England , 3rd. ed. Vol.15 ,270} In the Criminal Law, it is submitted that the rule should be confined to cases where it is an offence to do some act in the absence of a licence or permission and similar cases . It was stated by Talbot J.,obiter , in "Williams v. Russell" (1933) 149 L.T. 190, that on a charge of using a motor vehicle without there being in force a policy of insurance, the onus was on the accused to prove he had a policy. This would seem, with respect, a proper application of the principle and is confirmed by the present case ."

"Umbaghad BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1992) [Blackstone Press Limited , p.1788] jghid:-

"In the case of driving without a licence, it is for the accused driver to prove that he is insured . (Williams v. Russell [1933] 149 LT 190 ; Philcox v. Carberry [1960] Crim. L.R. 563)."

Illi umbaghad jekk qatt seta' jkun hemm xi dubju dwar dan il-principju, dan gie eliminat fil-ligi taghna bl-emenda recenti introdotta bl-artikolu gdid 3 (1A) tal-Kap. 104 li jghid testwalment li :-

"jkun prezunt li ma kienx hemm polza ta' l-assigurazzjoni fis-sehh skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu , kemm il-darba min jigi akkuzat b' reat taht is-subartikolu (1) ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat ta' l-assigurazzjoni mahrug taht is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 4 ta' din l-Ordinanza."

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fil-kawza fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spettur SARAH MAGRI) vs Francesca Zammit (K.I. Nru. 337698M), deciza fid-29 ta' Ottubru 2019, fejn intqal:

"Illi matul is-snin inqalghet certu ambigwita' fil-Qrati nostrani fis-sens illi bdiet tqum ilmistoqsija dwar il-presunzjoni taht l-Artikolu 3(1A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta. …Illi l-ambigwita' qamet principalment dwar fuq min jinkombi l-oneru tal-prova dwar lassikurazzjoni. Fis-sentenza ricenti moghtija minn din il-Qorti diversement presjeduta fl-ismijiet Pulizija vs Nathaniel Grech (QTM:KRM:Magistrat Doreen Clarke – 11 ta' Marzu2019), il-Qorti dahlet f'certu dettal dwar is-sentenzi kunfliggenti fuq dan il-punt u finalment pero stqarret li dan il-kunflitt gie rizolt permezz ta' sentenzi ricenti fosthom is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Andre Apap (QTA:KRM:400:2010, deciza 4 ta' Frar 2011) fejn inghad is-segwenti:-

"Ghar-rigward tal-imputazzjoni dwar sewqan mill-imputat meta ma kienx kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni, il-prova li l-imputat kien hekk kopert b'tali polza kienet tispetta lill-imputat ghat-tenur tal-artikolu 3(1A) tal-Kap 104. Din il-Qorti ma taqbilx mad-distinzjonijiet li saru minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenzi taghha Il-Pulizija vs. Angelo Scuderi, Il-Pulizija vs Stefan Apap, u l-Pulizija vs Charles Galea u ohrajn dwar meta tiskatta l-prezunzjoni prevista fis-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104. Is-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104 hu car u inekwivoku fil-portata tieghu: il-prezunzjoni in kwistjoni tiskatta kull meta "...min jigi akkuzat b'reat taht is-subartikolu (1) ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat ta' l-assigurazzjoni mahrug taht l-artikolu 4(4)" tal-Kap. 104. Din id-dispozizzjoni ma thalli lok ghal ebda interpretazzjoni".

Ghaldaqstant skond l-Art. 3(1A) tal-Kap.104, hu l-istess imputat li jrid jaghmel il-prova li huwa effettivament kien kopert b'tali polza, u ma jispettax lill-Prosekuzzjoni li ggib ix-xhieda dwar dan. Jispetta lill-imputat illi jipprova li l-karozza partikolari ma kienitx koperta b'polza ta' assikurazzjoni, jew li tali assikurazzjoni ma tkunx tkopri lil dak is-sewwieq.

Il-Qorti tqies li f'dan il-kaz, il-Prosekuzzjoni stess sostniet, kemm fl-affidavit ta' PS 728, u kif ukoll fl-affidavit ta' PS 728 B. Borg, li din il-vettura kellha polza ta' assigurazzjoni valida fuq certu James Vella, detentur tal-karta tal-identità numru 73791(M). Madanakollu, l-imputat naqas li jressaq prova ta' din il-polza ta' assigurazzjoni sabiex jirribati l-prezunzjoni applikabbli ai termini tal-ligi. L-imputat kellu jressaq tali prova biex jipprova li din l-allegata polza ta' assigurazzjoni, kienet tkopri lilu wkoll, li dak il-hin kien qed jutilizza din il-vettura. Din il-prova ma tressqitx, u ghalhekk tiskatta l-prezunzjoni fuq imsemmija, bil-konsegwenza li din il-Qorti sejra ssib htija fit-tieni imputazzjoni.

Dwar it-tielet imputazzjoni, l-imputat jinsab mixli bir-reat ta' hsara involontarja skont kif hemm dispost fl-Artikolu 328(d) tal-Kodici Kriminali, fejn a differenza tar-reat tal-hsara volontarja kif mahsub fl-Artikolu 325, mhuwiex mehtieg li jigi ppruvat il-valur tal-hsara kkagunata purchè issir l-prova tal-hsara u n-natura taghha. F'dan il-kaz, il-proceduri penali jitmexxew 'il quddiem bil-kwerela tal-parti offiza. Madanakollu, il-parti offiza xehed f'dawn il-proceduri, li huwa ma ghandux interess f'din il-kawza. Ghalhekk, fir-rigward ta' din it-tielet imputazzjoni, il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

In kwanu ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li d-data tal-incident kienet qabel ma' dahlu in forza l-emendi ta' l-Att XIV ta' l-2017 fir-rigward tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Decide

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq esposti, din il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni, u wara li din il-Qorti rat l-Artikoli 15(1)(a) u 15(3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 3(1), 3(1A), 3(2) u 3(2A) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni, u tikkundannah ghal hlas ta' multa kumplessiva ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500).

Inoltre' a tenur tal-Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 3(2A) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-iskwalifika tal-licenzji tas-sewqan tal-imputat ghal zmien tnax-il xahar (12), liema perijodu jibda jiddekorri min-nofs il-lejl tal-lum.

Magistrat Dr. Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Registratur